# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf






**pispisella tad-dabra**

Klabb Ħuttaf


Numru 70 Settembru - Ottubru 2005



# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 4 |
| X'se Naraw? | 5 |
| Attività | 6 |
| Ittra | 6 |
| Kompetizzjoni | 6 |
| Gallerija | 7 |
| Falko | 8 |
| Tgħid Tort Tagħna? | 9 |
| Sibtha fix-Xibka | 10 |
| Daħħal membru | 10 |
| Borneo | 11 |
| Malta Gżira | 12 |




## Haw' ħbieb!

Ftit ilu mort safari. Ilbist kappell, dendilt il-kamera m'għonqi u tlaqt. Le, mhux il-Borneo, bħalma marret Alison (pġ 11). Jien ħriġt biss sal-ġnien!

Safari fil-ġnien?!?!?!

Mela x'hiex. U ċappst siegħa hemm u ħadt xi 50 ritratt! Orangutans ma rajtx, imma gremxul, wiżgħa, naħal, żnażan, nemel, brimb, xini (= ċentupied), ġurati, friefet, ħnieżer l-art, nannakoli, ħanfus, seffud, spalluti u baħrijiet rajt. Ta' dawk qgħadt nieħu r-ritratti. Tiskanta fi ftit metri ġnien kemm issib ħajja. Basta żżommu kif suppost.

Il-ġonna huma importanti għan-natura, u b'xortih min għandu ġnien mad-dar. Il-ġnien tad-dar jien narah qisu rigal żgħir li nagħtu lura lin-natura biex inpattu ftit għall-art li fuqha nbniet id-dar tagħna.

Ġnien kbir mhux bilfors aħjar minn ġnien żgħir. Naturalment ġnien kbir tista' tibdlu f'riserva naturali żgħira. Imma li jiswa fi ġnien mhux id-daqs, imma kif tittrattah. Kif kitbilna Nimrod (pġ 6), fi ġnien naturali tista' ssib affarijiet li jiskantawk. Min għandu manija biex il-ħamrija jikxifha u jiknisha minn kull werqa niexfa ma tantx se jgawdi natura. Għan-natura trid tħalli mqar rokna waħda mhux maħduma, fejn jistgħu jikbru l-fjuri selvaġġi. Jekk tħalli xi żewġ ġebliet kbar jafu jidħlu jistkennu taħthom il-gremxul jew il-ħanżir l-art. U jekk ikollok xi dixx ħażin, deffsu fil-ħamrija, roxxlu ftit ħamrija fil-qiegħ u imliħ bi ftit ilma. Ħallih joqgħod u wara ftit ġranet mur ara tarax xi dudu jgħum.

Hemm ħafna tricks fuq kif tibdel il-ġardina f'ġenna ta' l-art żgħira. Xi darba ngħidhomlkom kollha ;o)

Ee bilħaqq! Dakinhar tas-safari rajt ukoll debba tax-xitan. Tafu x'inhi? Morru pġ 6...

**Victor Falzon** L-Editur



Il-**pispisella tad-dabra** (dunlin) hija waħda mill-għasafar tax-xtut. B'dak il-munqar twil il-pispisella tħaffer u tgħawwar fit-tajn u fir-ramel taħt l-ilma u ttella' d-dud u ħniex li ssib jgħixu hemm. Il-pispisella tidher spiss l-Għadira, għax huwa ambjent tajjeb għaliha. Dik id-dabra sewda ma' żaqqha tisparixxi fix-xitwa, u ssir... pispisella tad-dabra bla dabra!


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Mariangela Meli, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Ottubru 2005
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata: Pispisella tad-dabra, ritratt ta' Juan Ellul Pirotta
Qoxra ta' wara: Il-Gżejjer Maltin, ritratt minn satellita
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**




taż-żebbuġ
hawfinch




# L-għasafar ta' l-għana jgħannu bil-ferħ!

**Aħbar tajba**! Il-liġi li tipproteġi l-għasafar se ssir aħjar.

Suppost li jinqata' l-insib għall-għasafar ta' l-għana fi Frar, f'Marzu u f'April. Dan ifisser li fir-rebbiegħa l-għasafar ta' l-għana bħal sponsuni u ġojjini ħa jkunu jistgħu jiġu Malta bla ma jfixkilhom ħadd.

Dan ifisser ukoll li jekk xi par minnhom jitħajru jbejtu hawn Malta, mhux ħa jkun hemm iktar il-periklu li jaqbduhom in-nassaba u jisfrattawlhom familja.

Il-ħasra hi li mbagħad f'Ottubru jerġa' jitfaċċa l-periklu, għax jiftaħ l-istaġun għall-insib ta' dawn l-għasafar.

Imma tliet snin oħra l-affarijiet ħa jkomplu jsiru aħjar, għax fl-1 Jannar 2009 l-insib irid jinqata' KOLLU u matul is-sena KOLLHA.

Nistennew bil-ħerqa li jgħaddu d-39 xahar li baqa'!




verdun
greenfinch



## Spettaklu...

Dar-ritratt sabiħ ħadu l-ħabib tagħna Juan Ellul Pirotta, membru tal-Klabb, waqt li kien berdwoċing il-Buskett fil-25 Settembru 2005. Dawn huma **ċikonji suwed** (black stork *Ciconia nigra*), tnejn minn tlieta li raw il-berdwoċers tal-BirdLife dakinhar.

Kull berdwoċer jogħxa jara ċikonja sewda, għax hija għasfur kbir u majestuż, u hija wkoll rari ħafna.

Aħna nisperaw li dawn it-tliet tajriet irnexxielhom ipassu u jaslu l-Afrika b'wiċċ il-ġid, u li ma sparalhom ħadd. Hawn eluf ta' kaċċaturi mxenqin biex ikollhom ċikonja mal-kollezzjoni ta' kadavri ta' għasafar fil-vetrina.

# ESSEMMESSEMISSJONI!




Forsi għax aħna l-Maltin irridu veru l-arja nadifa! Jew forsi għax inħobbu nukżaw lil xulxin! Hi x'inhi r-raġuni, dis-sistema ġdida li tibgħat SMS biex tirrapporta karozzi jdaħħnu tidher li qed taħdem. F'inqas minn xahar intbagħtu 15,000 SMS (= iktar minn 500 messaġġ kuljum!). Bis-saħħa ta' dawn ir-rapporti s'issa diġà kien hemm 200 karozza li kellhom isewwu l-magna biex ma tibqax iddaħħan.



# Lemuretti!





Fuq Madagascar jgħixu l-lemuri, annimali tas-siġar li jiġu mix-xadini. Hemm diversi speċi ta' lemuri, hemm minnhom kbar daqs qattus, oħrajn żgħar daqs ġurdien. Il-lemuri jgħixu kollha f'Madagascar, gżira kbira fix-xlokk ta' l-Afrika. Jekk rajtu l-film kartuns li ħareġ dan l-aħħar jismu Madagascar, għandkom taraw skoss lemuri.

Dan l-aħħar, l-istudjużi sabu żewġ speċi ġodda ta' lemuri. Wieħed huwa n-**northern giant mouse lemur** *Mirza zaza* (ritratt ta' fuq), imma mhux billi "giant" għax xorta daqs skwiril kull ma fih, u għandu denb twil u sufi wkoll!

L-ieħor huwa l-**Goodman's mouse lemur** *Microcebus lehilahytsara* (ritratt t'isfel), li huwa ftit ikbar minn ġurdien, b'widnejn żgħar u faxx ċar fuq imnieħru. Cuddly hux!!

B'hekk it-total ta' speċi ta' lemuri issa huwa 49. B'xorti ħażina, Madagascar tilfet ħafna mill-foresti li kellha, u mal-foresti għosfru wkoll ħafna speċi ta' lemuri. X'ħasra hux.




## Qed imutulna kollha

**Fid-dinja jeżistu mill-inqas 5743 speċi ta' amfibji. Terz minnhom qegħdin f'periklu li jinqerdu. F'dawn l-aħħar 25 sena ntilfu 122 speċi. X'qed jiġri? Għaliex qed jispiċċaw l-amfibji? Hemm sitt raġunijiet prinċipali:**

**QERDA TA' ĦABITAT**. Meta jinqered l-ambjent ta' l-amfibji, l-amfibji jmutu.

**BDIL FIL-KLIMA**. It-temp qed jisħon u dan jaffettwa l-amfibji, li huma sensittivi ħafna għal bdil fl-umdità.

**TNIĠĠIS TA' L-ILMA**. Ħafna kimika velenuża li tintuża fir-raba' u fil-fabriki tispiċċa fix-xmajjar u fl-għadajjar, fejn jgħixu ħafna amfibji.

**MARD**. Marda misterjuża qed tattakka u toqtol ħafna żringijiet.

**ANNIMALI ALJENI**. Meta jiddaħħal annimal ġdid minn art oħra, spiss jagħmel ħerba mill-fawna tal-post. L-amfibji huma fost dawn il-vittmi.

**QBID ESAĠERAT**. Qed jinqabdu wisq amfibji, kemm għall-ikel kif ukoll għall-kollezzjonijiet u żuwijiet.

**Indunajtu li 5 minn dawn ir-raġunijiet huma tort tal-bniedem?**

# 400 passiġġiera goffi!



Fil-Kenya (fl-Afrika) bħalissa għaddej proġett ftit goff. Qed iġorru 400 iljunfant!

Dawn l-iljunfanti s'issa kienu qed jgħixu fir-riserva Shimba Hills. Imma dal-post żgħir wisq għal numru daqshekk kbir. Għalhekk il-gvern iddeċieda li jaqbadhom u joħodhom fi Tsavo East National Park, li huwa ħafna ikbar.

Imma mhux lakemm tgħid "taqbadhom"! Dawn mhumiex xi iljunfanti taċ-ċirklu, li jaqbdu denb xulxin u jimxu ringiela bħal tfal bravi ta' l-iskola! Dawn huma annimali selvaġġi li qatt ma ħallew bniedem jersaq lejhom.

Għalhekk l-ewwel qegħdin iraqqduhom billi jisparawlhom titqiba bil-loppju. Imbagħad kull iljunfant jgħabbuh bi krejn fuq trakk. L-iljunfant inzerta l-ikbar u l-itqal annimal ta' l-art li jeżisti. Imbagħad jibda vjaġġ ta' 8 sigħat u 350km (qisu minn Malta sal-Libja).

Il-proġett ser jiswa iktar minn miljun lira, u se jdum għaddej tmien xhur.

Aħna nawguraw suċċess lil dan il-proġett, u nawguraw futur iktar komdu għall-iljunfanti fid-dar il-ġdida tagħhom.




# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu xi għasafar li jkunu magħna f'daż-żmien tas-sena.





## l-iSturnell

common starling : *Sturnus vulgaris*

Għasfur mill-aktar komuni li jidher fi qtajjiet kbar ħafna (ġieli jlaħħqu l-eluf) f'Ottubru. Ħafna jibqgħu magħna tul ix-xitwa. Faċli biex tarah itir qalb il-bini jew jistrieħ fuq xi erjal tat-televixin. Jippreferi siġar kbar fl-abitat biex iqatta' l-lejl, fejn jinġabar fi gzuz. Meta jkun itir jidher sewdieni u mbaċċaċ, b'denb qasir u ġwienaħ bil-ponta. Meta jigglajdja l-ġwienaħ miftuħin jidhru forma ta' trijanglu. Jekk tosservah mill-qrib tinnota ħafna tikek bojod fuq l-iswed tar-rix. L-isturnell huwa għasfur storbjuż u żgur tinduna bih jekk ikun hemm xi qatgħa fil-qrib.

(*Għasafar Madwarna* p 46)

## il-Malvizz

song thrush : *Turdus philomelos*

Sa ftit snin ilu kien komuni sew, imma llum naqas ħafna. Il-malvizz ipassi l-iktar f'Ottubru, meta ġieli jgħaddi f'numri kbar. Meta jtir jidher irqaq mill-isturnell u denbu jidher itwal ukoll. Għandu titjira ħafifa u diretta. Spiss tinduna bih mill-għajta rqiqa: tsiip...tsiip. Dawk li jgħaddu x-xitwa f'pajjiżna jfittxu l-aktar widien folti u postijiet bis-siġar. Jekk tarah mill-qrib żgur li jolqtuk il-ħafna daqqiet kannella li għandu fuq sidru. Għandek mnejn tinzertah jaqbeż fuq il-ħaxix ifittex il-bebbux jew xi ħanex li jaqla' mill-ħamrija.

(*Għasafar Madwarna* p 37)

Jekk għandek l-internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti ta' dawn iż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħoss li tagħmel il-kuda. Grazzi lill-webmaster Denis Cachia għal dan is-servizz.

L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna***. Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U **Lm2.05** biss!



# Ħarġa għall-Ħamra

Issa ilna nisimgħu bix-Xagħra l-Ħamra, peress li xi ħadd fettillu jrid jibdilha f'korsa tal-golf. Aħna tal-BirdLife ma naqblux ma' din l-idea, għax inħossu li dak il-post għandu jitħalla naturali, biex hemmhekk jibqa' jikber l-**għansar** u jfewwaħ is-**sagħtar**. U fejn l-għasafar tal-beraħ bħall-**merill** u bħall-**kuda** jitħallew jgħixu fil-paċi. Aħna tal-Klabb ħa mmorru ħarġa s'hemmhekk, biex naraw ftit b'għajnejna l-post u ngawduh ftit kif inhu.




Tiġu magħna?

Data **Il-Ħadd 13 Novembru 2005**
Niltaqgħu quddiem il-knisja tal-**Manikata**
Ħin **9am** (u nkunu lura xi nofsinhar)
Età: **kulħadd** (ġenituri merħba)







ittri

## X'rajt fil-ġnien

Għażiż Editur,

Nirringrazzjak tal-magażin li tipprovdilna, li fih turina l-wirt naturali tagħna.

Fil-ħarġa Nru 44 kien hemm parti fuq wiżgħa tal-kampanja b'żewġt idnieb. Ftit ilu filgħodu ħriġt fil-ġardina u sibt gremxula b'żewġt idnieb qed tixxemmex! Bqajt skantat għax darba biss kont għadni rajt waħda, u kien fil-kampanja. Qatt ma bsart li se nsib waħda fil-ġnien.

Gremxul u xaħmet l-art għandna fil-ġnien bi kwantità għax dejjem irrispettajthom bħala kreaturi indiġeni Maltin li huma parti essenzjali mill-ġnien għax jieklu parassiti tal-pjanti u insetti.

Il-probabbiltà li din il-gremxula inzertat fil-ġnien tagħna hija li madwar id-dar tagħna qed jibnu. Qerdu l-ġonna biex jibnu l-flettijiet (progress) u dawn il-povri kreaturi spiċċaw bla dar. Ħasra li ssir tant qerda ta' dawn l-annimali interessanti.

**Nimrod Mifsud**
Gżira

*Għażiż Nimrod,*

*Grazzi ta' l-ittra tiegħek. B'xortik tajba li erġajt rajt gremxula b'żewġt idnieb, għax mhux dehra komuni.*

*Għandek raġun fuq il-qerda tal-ġonna. Hawn nies li għalihom ġnien ifisser ħmieġ u trabijiet, u għalhekk jordmu l-ħamrija u jagħmluh bitha: ċappa madum lixx u bla ħajja.*

*L-Editur*

# Tisliba

Desirée Falzon



It-tweġibiet tat-tisliba ssibuhom kollha f'dil-ħarġa tal-*Ħuttafa*. Ibagħtu t-tweġibiet fuq karta jew skenjaw it-tisliba u ibagħtuhielna imejl - tqattgħux il-magażin. Min jirbaħ jirċievi l-ktieb *Għasafar Madwarna*. Ċans għandkom sa **20 Novembru 2005**.

1 X'inhi Kinabalu (p 11)
2 Dan pinġewh Debbie u Bernice (p 7)
3 Pispisella tad-dabra, bl-Ingliż (p 2)
4 Dan jagħmel Tsiip! Tsiip! (p 5)
5 Din raha Nimrod fil-ġnien (p 6)
6 Għamlet ħerba fi New Orleans (p 9)
7 Fejn sejrin l-iljunfanti? (p 4)
8 Raw tlieta minnhom il-Buskett (p 3)
9 Fid-dinja hawn mil-inqas 5743 speċi minnhom (p 4)
10 Ħa jkunu Kemmuna fil-ħarifa (p 8)



Fil-kaxxa l-griża għandu jifforma isem ta' post favoluż għan-natura.

Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 69 hija **Samantha Camilleri** miż-Żurrieq.
Prosit Samantha, il-ktieb dalwaqt ikun għandek.

**Ibagħtulna t-tpinġijiet naturali tagħkom!** imma mhux ta' annimali domestiċi. Tinsewx isimkom u età, u isem l-annimal jew pjanta.



**TERATORNIS***
Godfrey
Sapiano 7

*Għasfur estint, mill-
Epoka Plejstoċenika (40-10,000 sena ilu)



**GARDELL**
Clive Fenech 10



**AVULTUN ABJAD**
Daphne
Rizzo 9



**AJKLA**
Laura Spiteri 9



**PITIRROSS**
Maurice
Cachia 10



**BAGĦDAN AĦMAR**
William Bondin 13



**AGRETT ABJAD**
Marie Claire
Grima 10



**PANKRAZJU**
Arnold Sciberras 16



**AVULTUN ABJAD**
Bernice Schembri 10



**RUSSETT GRIŻ**
Josef
Baldacchino
10



**GĦASFUR TA' SAN MARTIN**
Martin Austad 8



**ŻRINĠ**
Ryan Mangion 9



**FJAMINGU**
Odette Pulè 11



**BUŻAQQ**
Nimrod
Mifsud 15



**KAĦLIJA**
David Attard 13



**KELB IL-BAĦAR ABJAD**
Aaron Portelli 9


arpa

# FAL

**Żgħażagħ BirdLife Malta**



## Ħbieb Falkuni!

Kont il-Buskett fil-għabex ta' filgħaxija. Kellna qatgħa ta' xi 300 ħuttafa iddur fuqna, u 2 kuċċardiet iduru jfittxu fejn se jqattgħu l-lejl jistrieħu. Min-naħa ta' Ħad-Dingli lmaħt tajra tal-priża riesqa. Kienet qed taqdef bil-ħeffa u fi ftit ħin kienet daħlet fuq il-Buskett. Kellha ġwienaħ tawwalin u mgħawġin bħal ta' gawwija. Ma setgħet kienet xejn ħlief arpa! Ġiet eżatt għal fuqna u baqgħet nieżla lejn il Girgenti. Xi ġmiel ta' kreatura!

Tgħid għad xi darba narawh hekk it-tajr tal-priża fuq Malta u Għawdex kollha? Narawh, mela le. Jekk inżommu sod u nkomplu niġġieldu kontra l-qerda, u nedukaw favur il-ħajja, dawn ix-xeni għad narawhom regolari.

Imma l-BirdLife ma tagħmilx mirakli. Bix-xejn ma nagħmlu xejn! Għandna bżonn l-għajnuna u s-sapport tagħkom. Għandna bżonnkom li tibqgħu membri. Mhux sena jew sentejn, imma għal ħajjitkom. Saħħiet.

justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko

Ian Balzan



### għal Kemmuna

Dis-sena l-BirdLife se tirringja fuq Kemmuna anke fil-ħarifa. Il-proġett tal-ħarifa jkun iqsar minn tar-rebbiegħa (li jdum xahar). Ir-ringers wara kollox huma voluntiera, u ma jistgħux joqogħdu Kemmuna kemm jixtiequ. Aħna se nitilgħu nżuruhom fir-ringing station f'Wied l-Aħmar. Naturalment, kif inkunu hemm nimxu mixja madwar Kemmuna, li dik il-ħabta għandha tkun bdiet tiħdar u tisbieħ.

Data **is-Sibt 22 Ottubru 2005**
Niltaqgħu **8.25am Bieb il-Belt** (fejn tal-ħalib) jew
**9.45am iċ-Ċirkewwa**
Niġu lura xi ħin **wara nofsinhar**
Età **Falko 13+**
Ġibu basket tad-daħar, żarbun komdu, ikel, xorb u flus għal-lanċa.

John Borg



### għal Għawdex

Telgħin ħajk Għawdex, induru ftit fil-kampanja li toffri din il-gżira li għadhom ma kissrux bil-bini kullimkien. S'intendi aħna u nduru, għajnejna 'l fuq għat-tajr.

Data **is-Sibt 12 Novembru 2005**
Niltaqgħu **7:25am Bieb il-Belt** (fejn tal-ħalib) jew
**8.45am iċ-Ċirkewwa**
Niġu lura xi ħin **filgħaxija**
Età **Falko 13+**
Ġibu basket tad-daħar, żarbun komdu, ikel, xorb u flus għall-vapur.

Donnu xi ħadd hemm fuq semagħna fuq dik il-biċċa tal-basktijiet tal-plastik! Mela xiex! Għadhom kemm bidlu l-liġi u issa l-basktijiet tal-plastik kollha (ta' kwalunkwe daqs) ħa jħallsu taxxa. Hekk aħjar!

Jien ma naqbilx mal-basktijiet tal-plastik għax dawk ma nistax ingerrem fihom!





# Tgħid Tort Tagħna?

Elisabeth Conrad

**Ilkoll smajtu b'Katrina, l-uragan li ftit ilu għamel ħerba fl-Amerka. Meta jiġru affarijiet bħal dawn, spiss jitqajjem is-suġġett tat-tibdil fit-temp. Tgħid dawn affarijiet naturali? Jew riżultat ta' xi ħaġa li għamel il-bniedem? Tort tagħna li dawn id-diżastri qed iseħħu iktar spiss? Tgħid tort tal-global warming?**

It-temperatura tad-dinja qed tiżdied ftit ftit. Qisna qed nagħmlu ħafna għaġeb għal ftit gradi Celsius. Però dawk il-ftit gradi kapaċi jġibu tibdil kbir fid-dinja li nafu llum.

## apokalissi

Jekk nibdew insemmu l-effetti ta' ftit żieda fit-temperatura, inkunu qisna qed naqraw mill-Apokalissi!

Bis-sħana jinħall is-silġ fil-poli (fil-fatt diġà beda) u jogħla l-livell tal-baħar, u ħafna gżejjer u postijiet max-xatt jegħrqu. Ħafna gżejjer u ħafna bliet max-xatt (inkluż xi postijiet f'Malta) mhumiex għola minn xi metru jew tnejn, u tistgħu timmaġinaw id-diżastru totali. Naħseb rajtu x'ġara fi New Orleans.

Żieda żgħira fit-temperatura tista' twaqqaf ix-xita milli tagħmel f'xi nħawi tad-dinja. X'jiġri? Jixxuttaw ix-xmajjar, imutu l-foresti jew jinħakmu minn nirien kbar, jinxef il-ħaxix u jmutu l-annimali li jiddependu minnu, l-art issir deżert, ifallu l-uċuħ tar-raba', jiżdied il-faqar, il-ġuħ, il-mard u l-imwiet.

F'inħawi oħra jiġri l-maqlub: jiżdiedu l-maltempati, uragani, tifuni, tsunami, xita qliel, ifuru x-xmajjar, jinfaqgħu l-għadajjar u jegħrqu l-ibliet. Diżastri differenti imma bl-istess riżultat: traġedja sħiħa, qerda ta' ħajja u ta' l-ambjent, mard, faqar eċċ. Nistgħu nibqgħu sejrin bil-lista...

Il-problema hi li s-sistema tat-temp hija kkumplikata immens u diffiċli ħafna li nbassru eżatt x'effetti se jkun hemm jekk tisħon l-arja. It-temp jiddependi fuq ħafna fatturi, u bidla f'ħaġa żgħira kapaċi tbiddel kollox! Per eżempju, jekk tisħon l-arja = jisħon il-baħar = jinbidlu l-kurrenti fil-baħar = jinbidlu l-ekosistemi u l-ħajja tal-baħar. Biex ma nsemmix l-effetti fuq is-sajd!

## kontroversja

Il-kontroversja fuq is-suġġett tinqala' minħabba li ħafna xjenzati jissuspettaw li l-global warming huwa tort tal-gassijiet u dħaħen li l-bniedem jarmi fl-atmosfera. Gassijiet bħal *carbon dioxide* u *methane* qed joħloq l-effett serra, il-famuż *greenhouse effect*. Dawn il-gassijiet jiġu minn attività tal-bniedem, bħall-ħruq tal-faħam u ż-żejt biex nipproduċu l-elettriku. Biex innaqqsu dawn il-gassijiet mill-atmosfera rridu nbiddlu sew il-mod kif ngħixu. Imma ċerti pajjiżi mhumiex lesti jiċċaqalqu. Għalhekk jittrattjenu u jgħidu li m'hemmx provi ċari li t-tort huwa tal-bniedem.

## prekawzjoni

Veru li għad m'hemmx provi konkreti, imma hemm ħafna u ħafna indikazzjonijiet li dan huwa l-każ. Għalhekk tajjeb li jitħaddem il-*precautionary principle*. X'ikun dan? Dan huwa kunċett li jgħid li f'każijiet fejn m'hemmx provi xjentifiċi fuq xi ħaġa, xorta jkun jaqbel li tieħdu l-istess prekawzjonijiet daqs li kieku hemm il-provi. Jekk noqogħdu nistennew u ma nagħmlu xejn qabel ma jkun hemm il-provi, imbagħad jaf ikun tard wisq.

Ma taħsbux li dan huwa l-każ meta nitkellmu fuq global warming?

Fuq quddiem nett tal-pajjiżi li ma jridu jagħmlu xejn hemm l-iStati Uniti, li nzerta huwa wkoll l-iktar pajjiż li qed jaħli riżorsi u li qed iħammeġ l-arja tad-dinja. Ed.




# Sibtha fix-Xibka!

## Websajts fuq in-natura

Trid tkun taf aktar dwar dawk l-annimali li jinsabu f'periklu li jinqerdu għal kollox? Jekk iva, żur din il-websajt. Klikkja l-istampa ta' l-annimal li trid titgħallem dwaru u ssib ħafna informazzjoni interessanti.

Rokna oħra ferm informattiva u divertenti f'din is-sajt hija l-*virtual house*. Hawnhekk nagħtu ħarsa madwarna fil-ħajja ta' kuljum u naraw kif il-mod li bih ngħixu jaffettwa l-pjaneta tagħna. Ibda billi tagħżel suġġett ambjentali u taqra l-mistoqsija dwaru. Imbagħad klikkja fuq il-kamra li trid u fiha pprova sib l-oġġett li jgħinek tirrispondi tajjeb għad-domanda. Jekk ma jirnexxilekx, ibqa' dur minn kamra għall-oħra sakemm issib ir-risposta t-tajba.

**Janet Gerardi**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **15-il punt fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______
indirizz ______
______ postcode ______
data tat-twelid ______ telefon ______ imejl ______
liema skola jattendi ______

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______
indirizz ______
______ postcode ______
membership number ______ telefon ______ imejl ______
liema skola tattendi ______

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 43 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).




kitba u ritratti ta'
**Alison Buttiġieġ**


Kinabalu

Borneo, fix-xlokk ta' l-Asja, hija it-tielet l-akbar gżira fid-dinja. Hija waħda mill-ġonna ta' l-Eden ta' biodiversità, fejn in-natura donnha ħadet pjaċir tesperimenta!

Il-Muntanja Kinabalu (4095m) tiddomina t-tramuntana tal-Borneo. Il-foresta madwarha għandha valur ekoloġiku kbir, fejn jispikkaw il-pjanti, speċjalment il-pitcher plants. Dawn huma pjanti karnivori b'għamla ta' buqari mimlijin bl-ilma. L-insetti li jittantaw jidħlu fil-buqar jiżolqu għal ġo l-ilma, jegħrqu u l-pjanta tikolhom!

Fil-Borneo nsibu wkoll l-ikbar fjura fid-dinja: ir-raffleżja. Din jaf ikollha dijametru ta' metru! Jeżistu wkoll flying squirrels ġganti, li qishom flokkijiet kbar bid-denb itiru minn siġra għal oħra. Hemm ukoll gremxul u anke sriep itiru!

Annimali interessanti, imma fil-periklu li jinqerdu, huma il-famużi orangutan u l-proboscis monkey - din ta' l-aħħar għandha mnieħirha qisu plattina! Fadal ukoll ftit iljunfanti ażjatiċi. Fil-Borneo tista' tammira wieħed mill-aktar spettakli strambi fin-natura: miljuni ta' friefet il-lejl li hekk kif jibda jidlam joħorġu mill-għerien qishom daħna sewda twila.

Sfortunatament, dan kollu jista' jispiċċa fi ftit snin. Ir-rata li biha qed jinqerdu l-foresti fil-Borneo hija allarmanti: jingħad li sa ħames snin oħra ħa jkunu spiċċaw kollha! Il-foresti qed jinħarqu u jitqaċċtu biex flokhom iħawlu sigar tal-palm u tal-lastku, kif ukoll għall-esportazzjoni ta' l-injam. Il-ħasra hi li l-awtoritajiet ftit li xejn jagħtu każ, għax l-importanti għalihom hu li l-flus dejjem deħlin.


gremxula


pitcher plant


iljunfant


friefet il-lejl


BirdLife
MALTA
Malta Gżira
ftit ftit qed issir Malta
. . . Griża!